MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 110/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Antoinette Micallef abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Antoinette Micallef (108282(M))**

**vs**

**John Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Jannar, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sittax-il lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm416.91) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-**

**attrici Antoinette Micallef assigurata tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' tliet mija u wiehed u erbghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm341.91), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75.00) l-istess Antoinette Micallef in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta' Mejju 2004 ghall-habta ta' 1.58pm gewwa Valley Road, Msida, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attrici Antoinette Micallef, bin-numru ta' registrazzjoni ABH-903 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni DAS-838, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-27 ta' Jannar, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma' garax tort u htija tal-esponent, izda gara unikament tort u htija ta' Antoinette Micallef, is-sewwieqa tal-vettura numru ABH-903, li minhabba sewqan negligenti u mprudenti habtet mal-vettura tal-esponent u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Antoinette Micallef, W99 Mario Grech, John Grech, W267 Samuel Micallef. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet f'Valley Road Msida, fl-10 ta' Mejju, 2004, f'1.58pm. Involuti fil-kollizzjoni kienu l-vettura numru ABH-903 (Kia Avella) misjuqa mill-attrici Antoinette Micallef, u l-vettura bin-numru DAS-838 (Ford Commercial) misjuqa mill-konvenut John Grech.**

**2. Iz-zewg vetturi kienu mexjin fil-karreggjata ta' gewwa, gejjin mid-direzzjoni tal-Iklin u Gzira. Il-konvenut ried ikompli sejjer lejn il-Marsa, filwaqt li l-attrici riedet taqbad it-triq biex titla' lejn ir-roundabout li taghti ghall-Isptar St. Philips.**

**3. Qabel ma gara l-incident l-attrici lill-konvenut ma ratux, u fil-hin tal-incident kienet kwazi qabdet id-dahla. L-attrici tghid li f'waqt minnhom rat il-kaxxa tat-truck gejja quddiemha mill-genb, u dan habat mal-bumper taghha ta' quddiem, u l-bumper inqala'.**

**4. Il-konvenut kien ra lill-attrici miexja quddiemu u jghid li kienet xi mitejn pied il-boghod minnu, u ra diehla biex tikser lejn Pantalleresco. Il-konvenut jghid li hu mexa fid-dritt, meta din kisret lejn il-lemin biex terga tigbed ghal main road. Il-konvenut ma qabilx mal-iskizz ezebit a fol 14 tal-process, u lanqas ma qabel mal-iskizz originali a fol.46 tal-process. Skond il-konvenut, hi kienet dritta mas-centrestrip. Il-konvenut jikkonferma li dak il-hin tal-incident kien qabel mal-iskizz.**

**5. Dwar l-iskizz esebit xehdu l-Wardens 99 John Grech u W267 Samuel Micallef. Jigi rilevat illi qabel il-wardens kienu marru l-pulizija fuq il-post immarkaw fejn kienu l-karrozzi, u wara kienu gew il-wardens li hadu il-qisien fuq il-marki li kien hemm. Dawn l-wardens ikkonfermaw l-iskizz u Micallef qal wkoll li x-xuffiera kienu qalulhom ta' min kienu l-marki li kien hemm mal-art. Fic-cirkostanzi t-Tribunal qed iqies l-vetturi kienu kif murija fl-iskizz esebit, u ma jaghmilx sens dak li qed jghid il-konvenut, li dak il-hin stess kien accetta dak li kien hemm fl-iskizz, u addirittura ghin lill-wardens meta indikalhom flimkien mal-attrici ta' min huma l-marki li ghamlu l-pulizija.**

**6. Ghalhekk hu verosimili dak li qed tghid l-abbli difensur tal-attrici, u cioe li l-konvenut ghamel**

**manuvra ta' surpass u hu u diehel lura fil-karreggjata ta' gewwa laqat lill-attrici bir-rota ta' wara, kif ampjament jirrizulta mir-ritratti a fol-35 sa 37 tal-process. Fil-mumenti qabel ma sehh l-impatt il-konvenut kien wara l-vettura tal-attrici, u jidher li meta dan ipprova jissorpassha, qabadha mill-bumper taghha bil-mudguard tieghu, u b'hekk il-vettura tal-attrici spiccat kif indikat fl-iskizz.**

**7. Ghandu jinghad ukoll li ma hemm xejn xi jreggi t-tezi avanzata mill-konvenut, cioe` li l-attrici regghet kisret il-barra. L-isketch a fol-74 tal-process u r-ritratti bil-marki a fol-38 u 39, juru bic-car li l-konvenut kien qed jerga' jaqbad il-karreggata interna waqt li qed jeffettwa s-sorpass, u bid-daqqa gibed il-karozza tal-attrici. Il-konvenut ma kienx qieghed isuq bid-debita diligenza u ghalhekk ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh.**

**8. Id-danni jirrizultaw pruvati fl-ammont mitlub skond d-dok.RF2 sa RF5.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u wiehed u erbghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm341.91), u lill-attrici Antoinette Micallef is-somma ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-19 ta' Jannar, 2005 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici GasanMamo Insurance Limited, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------